Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 246/2015

Il-Pulizja

Vs

Paul Spiteri

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Paul Spiteri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 106284M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda talli, nhar it-13 ta' Mejju 2010, u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna u cioe` lil Norbert James Falzon u b'md li kien jaf jew kien imessu jkun jaf illi dan kien ta' fastidju ghal din il-persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd u cioe` ta' Norbert James Falzon, wegghu bi kliem, b'gesti, b'disinji jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

3. Finalment, qed jigi akkuzat talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 251A (1)(a)(b) u Artikolu 252(1)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante illi l-addebitu tar-recidiva kien biss jikkontempla sentenza fuq traffiku, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imputat **Paul Spiteri** ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Paul Spiteri huma s-segwenti w cioe':-

1. L-akkuza that l-Artikolu 251A – Dan l-artikolu jitkellem fuq 'course of conduct'. Il-persuna ma tistax tkun fil-posizzjoni kif deskritta minn Norbert J. Falzon. Illi huwa beda jftittex lil minkien qieghed jaghmel il-flyer. Ir-reat ta' harassmet ghandu konnotati diversi mis-semplici fatt illi wiehed ikun qieghed jiddejjaq b'dak illi jaghmel haddiehor. Is-sistema ta' kondotta tal-persuna trid tkun tali illi ggib apprensjoni jew biza' fuq il-vittma. F'dan il-kaz bl-ebda mod ma jista' jinghad illi kien hemm dawn l-elementi.

Iktar w iktar wiehed ma jistax jitkellem fuq 'course of conduct'. Dan ir-reat gie diversi drabi interpretat mill-Qorti tal-Appell Kriminali w element ta' prova jrid ikun illi l-persuna tkun instabet f'okkazjonijiet diversi jew hatja jew bil-prezenza taghha jew bl-agir taghha kkawzat din l-apprensjoni fuq il-vittma.
Il-Qorti ma tat l-ebda motivazzjoni fuq dan ir-reat illi effetivament ma jirrizultax.

2. Dwar il-malafama – L-imputazzjoni u s-sentenza jinghad illi jnaqas il-gieh ta' Norbert J. Falzon. Il-kitba illi kien hemm indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra illi Norbert J Falzon bl-ebda mod ma ssemmiet. Min ikun qrah u ma jafx lil Norbert James Falzon ma jistax jasal ghall Norbert James Falzon. Il-Qorti ghamlet enfasi fuq il-kelma bummer. Imma dik il-kitba a fol 19 fl-ebda isem ma jissemma' u konsegwentement l-akkuza kif dedotta ma setghetx tirrizulta. Kieku ntqal Norbert James Falzon hu bummer wiehed seta' jibda jiddiskuti pero' dak il-kliem ma ssibu mkien.
3. Cahda tal-appellanti – L-appellanti jichad bil-gurament tieghu illi huwa kien wahhal dawk il-karti. Meta jinghad li rah xi had filfatt huwa kien fuq xoghol bhala driver u ma kienx fuq ir-rotta illi jinghad. Il-Ligi taghna ma teskludix illi x-xhieda moghtija mill-imputat ghandha inqas valur minn dak li jghidu l-Pulizija waqt l-investigazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-07 ta' Jannar 2016 fejn l-appellanti eccepixxa l-preskrizzjoni ta' zmien sena peress illi l-allegata malafama inghatat permezz ta' stampat u allura tapplika il-ligi tal-istampa u l-preskrizzjoni hemm inserita.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi minn harsa lejn l-akkuza dedotta kontra l-appellanti ghandu johorg illi huwa qieghed jigi akkuzat bl-ingurja delittwali, reat kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. L-appellanti jilmenta illi billi l-ingurja saret permezz tal-kitba stampata u cioe' permezz ta' avviz li twahhal f'diversi postijiet f'Malta allura dan jammonta ghad-definizzjoni ta' stampat u kwindi l-azzjoni inkriminatorja tieghu kellha tigi regolata taht l-Att dwar l-Istampa. Gjaldarba isostni illi kellha tapplika dina id-disposizzjoni tal-ligi, allura il-prosekuzzjoni tar-reat huwa milqut bil-limitazzjoni taz-zmien billi r-reat tal-ingurja bl-istampa taht il-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta igorr mieghu perijodu preskrittiv ta' sena, terminu ta' zmien li lahaq iddekorra meta gew istitwiti l-proceduri penali odjerni.

Issa minn qari tar-rikors ta'l-appell imressaq mill-appellanti ma jidhirx illi hemm imqanqal bhala aggravvju dan il-principju ta' dritt penali u cioe' illi huwa gie akkuzat bir-reat tal-malafama taht il-ligi il-hazina. Din il-Qorti ghalhekk ghandha idejha marbuta u ma tista' qatt tikkonsidra l-lanjanza ventilata mill-appellanti fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell illi l-akkuza hija preskritta billi l-akkuza li l-Qorti ghandha quddiemha hija wahda u cioe' dik li hija ikkontemplata fil-Kodici Kriminali, li certament ma hijiex milquta b'din l-eccezzjoni taz-zmien. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tikkummenta, anke jekk biss *obiter*, dwar liema hija l-ligi applikabbli f'dan il-kaz. Illi minn ezami tad-disposizzjonijiet taht il-Kapitolu 9 u taht il-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-rigward l-offiza ta' l-ingurja, johrog bic-car li fejn l-ingurja ssir bil-kitba, izda ma tissodisfax l-elementi ta' 'stampat' u 'pubblikazzjoni', hekk kif definit fil-Kapitolu 248, il-ligi applikabbli ghandu jkun il-Kodici Kriminali, precizament artikoli 252 et seq ta' l-istess Kodici. Fejn l-ingurja ssir permezz ta' l-istampa tapplika l-ligi specjali dwar l-Istampa. Dan huwa wkoll in linea mal-massima fundamentali *lex specialis derogat lex generalis*. Issa il-Kapitolu 248 jaghti is-segwenti definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi 'stampat' u meta titqies illi issir 'pubblikazzjoni':

***"stampat" tfisser kull kitba stampata b'tipi tipografiċi jew bil-litografija jew b'mezzi jew proċessi oħra bħal dawn fuq karta jew sustanza oħra, kif ukoll kull kartellun jew avviż ieħor li jitwaħħal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impinġija, riżaltata jew xort'oħra impressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz ieħor li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu, jitwasslu jew jiġu riprodotti;***

***"pubblikazzjoni" tfisser kull att li bih kull stampat jiġi jew jista'jiġi ikkommunikat jew imgħarraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immaġini viżwali jiġu mxandra.***

Illi allura ingurja jew malafama permezz ta' stampat, bhalma huwa l-avviz li gie imxandar f'dan il-kaz f'diversi postijiet f'Malta, "ma kellux jaqa' taht l-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bill-mezz ta' l-istampa (b'mod li l-ingurja jew il-malafama tkun allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hi applikabbli il-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248.[1]"

Maghdud dan madanakollu billi kif inghad ma tressaq l-ebda aggravvju bhal dan ghal gudizzju ta' din il-Qorti fejn instabet reita ghall-akkuza tal-ingurja delittwali kif imfassla fil-Kodici Kriminali, din il-Qorti ma tistax tilqa' d-difiza imqanqla issa f'dan l-istadju ta' revizjoni mill-appellanti dwar il-preskrizzjoni ta'l-azzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti jilmenta illi l-istampat permezz ta'l-avviz imhejji minnu fejn gew imxandra lill-terzi li s-servizzi offruti mill-istabbiliment "hiperformance" huma hziena ma fihomx indikazzjoni li qed jirreferu ghal persuna tal-parti leza u cioe' Norbert James Vella li huwa is-sid ta' dan l-istabbiliment billi imkien ma hemm indikat ismu. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-fehma u dan ghaliex il-kliem li juza

[1] Il-Pulizija vs Anton F. Attard – 10/07/2006 App. Krim

l-appellanti f'dan l-avviz jirreferu ghal persuna umana meta ighid il-kliem "gidimni" u "bummer" fejn qed issir referenza ghas-sid ta' dan il-hanut. Tant hu hekk li diversi nies li kienu jafu lill-parti leza mal-ewwel ikkomunikaw mieghu biex igharrfuh b'dak li kien qed jigri u cioe' li l-appellanti kien qed iwahhal dawn l-avvizi fil-pubbliku.

Illi fl-ingurja dellitwali l-"animus injurandi" huwa element mehtieg, jigifieri l-propozitu doluz, jew almenu l-koxjenza doluza, li l-kwerelat qieghed jghid xi haga li tnaqqas l-istima u r-riputazzjoni, jew l-unur, jew ir-rispettabilita' tal-kwerelant, jew li tesponieh ghad-disprezz. Illi kif gie deciz:

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi* ***<u>iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata</u>*** *("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz)."*

Illi din l-intenzjoni ma hemmx dubbju tirrizulta ippruvata f'dan il-kaz billi ghalkemm l-appellanti jichad meta jiddeponi fil-Qorti illi kien hu li wahhal dawn l-avvizi, madanakollu, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti fl-apprezzament minnha maghmul, huwa evidenti illi l-appellanti ha l-ligi b'idejh u dan wara li ipprova ifittex rimedju b'mod legittimu meta irrikorra lejn id-Dipartiment dwar is-Servizzi tal-Konsumatur, ghas-servizz hazin li huwa irceva minn dan il-hanut u minn ghand l-parti leza, u ma inghatax widen. B'hekk ghadda biex ippubblika l-avvizi inkrimantorji u xerriedhom pubblikament sabiex jaghmel hsara lin-negozju gestit mill-appellanti. Kwindi dan l-aggravvju u l-ahhar aggravvju li jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul fid-decizjoni impunjata qeghdin jigu rigettati.

Finalment, maghluqa dina l-parentesi dwar ir-reat tal-malafama, l-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina l-gravam dwar l-ewwel akkuza tal-fastidju li taghha l-appellanti gie ukoll misjub hati. Jilmenta l-appellanti illi mill-provi akkwizti fl-atti ma gewx

ippruvati l-elementi legali li isawwru dan ir-reat billi fost ohrajn ma giex ippruvat dak il-"*course of conduct*" li huwa wiehed mill-elementi essenzjali sabiex tinsab htija ghal dan ir-reat izda fuq kollox huwa nieqes l-element tal-biza jew apprensjoni li johloq dan l-agir inkriminatorju. L-Avukat Generali fil-kors tat-trattazzjoni tieghu jaderixxi ghal dana l-hsieb ta'l-appellanti u dan ghaliex huwa evidenti illi f'dan ir-rigward l-appellanti ghandu ragun.

***"Il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.[2]"***

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment*"*)* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

*"Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*"

Illi f'dan il-kaz jidher illi l-agir tal-appellanti kien jikkonsisti fil-fatt illi huwa beda iwahhal avvizi ingurjuzi dwar l-parti leza, agir li la jista' jigi definit bhala wiehed ripetut fuq medda taz-zmien u lanqas bhala wiehed li holoq xi biza jew apprensjoni fil-parti leza li kien ser jigi imwegga' b'xi mod. Kwindi l-appellanti ghandu ragun f'dan l-aggravvju minnu interpost.

[2] Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez – App. Krim 21/06/2007

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa′ biss l-ewwel aggravvju imressaq mill-appellanti u filwaqt li tirrevoka id-decizjoni impunjata fejn din sabet htija ghall-ewwel akkuza u fejn l-appellanti gie ikkundannat ghal piena ta′ tmien xhur prigunerija sospizi ghal sena, tghaddi sabiex tillibera lill-appellanti mill-ewwel akkuza, tghaddi biex tvarja il-piena inflitta u tikkundanna lill-appellanti ghal piena ta′ sitt xhur prigunerija li b′applikazzjoni ta′l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta ghandu jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum. Tikkonferma is-sentenza impunjata fil-bqija.

Il-Qorti twissi lil hati jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta′ din is-sentenza.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur